# Is-sawm, il-bajda u l-balzmu fil-festa tal-lunzjata f'Malta

Billi l-festa tal-Lunzjata (l-Annunzjata, l-Annunzazzjoni, it-tħabbira lil Marija li kellha ssir Omm l-Iben t'Alla) tkun fil-25 ta' Marzu, spiss taħbat fiż-żmien ir-Randan, għalhekkk ma tkunx tista' tiġi ċċelebrata bil-pompa kollha li jixirqilha. L-Għid il-Kbir jimxi mal-qamar u jiġi fl-ewwel Ħadd wara l-ewwel qamar kwinta ta' wara l-wieħed u għoxrin ta' Marzu. Jekk l-Għid jiġi mill-għada tal-21 sal-24 ta' Marzu r-Randan ikun spiċċa u l-festi jistgħu jsiru bil-kbir. Imma l-Għid jista' jasal tard f'April għax biex jasal qamar kwinta ieħor jista' jieħu 28 jum, it-tul taċ-ċiklu jew xahar tal-qamar. It-Tarxiniżi ta' spiss kienu jgħidu: "Għandna festa bla festa!'' Bħalissa l-festa f'Ħal Tarxien qed tiġi ċċelebrata fl-aħħar Ħadd ta' Mejju, imma xorta tiltaqa' mal-intoppi li jimxu mal-festa tal-Għid, għax jekk l-aħħar Ħadd ta' Mejju jaħbat il-Pentekoste l-festa ssir il-Ħadd ta' qabel u, jekk jaħbat it-Trinita` ssir il-Ħadd ta' wara. Jiġi f'moħħi wkoll il-mudell kbir tal-knisja ta' Simon Mercieca li, għalkemm tinsab f'garaxx fil-Fgura hija dedikata lil-Lunzjata bil-kwadru u l-istatwa titulari b'kollox; dan ukoll jarmaha għall-festa tal-Lunzjata, imma jkollu jiftaħha għall-pubbliku f'Diċembru għax fir-Randan tkun armata għaż-żmien tal-Ġimgħa l-Kbira.



## Sawm

L-antenati tagħna dejjem kienu jsumu lejlet jew fil-vġili tal-festi kollha, u xejn inqas fil-festa tal-Lunzjata, l-aktar in-nies ta' Ħal Tarxien u ta' Ħal Balzan. Ta' min jiftakar li minbarra l-Ħdud, il-festi kmandati fi żmien l-Ordni kienu bosta, fosthom tal-appostli kollha u dawk MArjani bħal dawk li nikkontemplaw fir-Rużarju.

It-tiġieġ ma josservawx festi u jiem ta' sawm, imma jbidu meta komdi. Meta tiġieġa tbid bajda lejlet il-Lunzjata, id-devoti ma kinux jikluha dakinhar minħabba s-sawm, imma kienu jerfgħuha għall-għada jew għal xi darb' oħra.

## Leġġenda

Hemm leġġenda li tinvolvi lil waħda mara u bajda ta' tiġieġa li biedet lejlet il-festa tal-Lunzjata. Din il-mara kienet fqira u marida u kellha, jekk jista' jkun, tiekol bajda kuljum għas-sustanzi. Iżda billi kienet devota ħafna, għalkemm marida, riedet issum bilfors u lejlet il-Lunzjata, meta l-ġirien ġabulha bajda friska ta' dakinhar, ma ħadithiex imma refgħatha fir-rewwieħa (jew ventilatur) fil-għoli biex ma tiġihiex it-tentazzjoni li tikolha. Milli jidher il-mara nsiet il-bajda għal kollox u b'kumbinazzjoni ftakret fiha u sabitha s-sena ta' wara fil-festa tal-Lunzjata. Il-leġġenda tkompli li din il-bajda waqgħetilha u nqasmet, u minflok ma ħarġet minnha ntiena ta' bajda mħassra, firxet il-fwieħa madwarha. Dan nistħajjel li ġara bħallikieku rikonoxximent mill-Madonna lejn dik il-mara devota li, għalkemm fjakka u marida, xorta riedet issum lejlet il-Lunzjata.

## Balzmu tal-Lunzjata

Din il-leġġenda ntgħoġbot u nfirxet sewwa. Bajda li t-tiġieġa kienet tbidha lejlet il-Lunzjata kienu jqisuha li kellha kwalitajiet speċjali u minħabba f'hekk bosta Maltin bdew igeżwruha f'biċċa ċarruta u jaħbuha fil-ventilatur jew xi rokna oħra fejn ma tintlaħaqx u ma tintlaqatx. Is-sena ta' wara, fil-festa tal-Lunzjata, kienu jkissruha biex minnha jieħdu dak it-trab niexef li jkun fadal fiha, iħalltuh maż-żejt u jużawh bħala ingwent fuq xi ferita jew ġerħa. Dan l-ingwent bdew isejħulu Balzmu tal-Lunzjata.

Jum il-vġili tal-Lunzjata
Kienu jsumu n-nies twajbin,
Sabiex l-għada, tal-Madonna,
Jagħmlu l-festa lkoll kburin.

Mara twajba wisq marida
Sfat bla ikel f'dak il-jum;
Bajda friska n-nies ġabulha
Imma hi riedet issum.

Ħbiet il-bajda fir-rewwieħa,
Biex issum ma kilithiex;
Iżda l-għada hemm insietha,
Għaddew xhur ma messithiex.

Sena wara ftakret fiha,
U niżżlitha għall-iskart;
Kif qegħditha fuq il-mejda

Dik il-bajda waqgħet fl-art.

Kif inqasmet ħarġet fwieħa
Qisha dik ta' l-isbaħ fjur;
Minflok nitnet saret balzmu,
Jfuħ bħal ġilju l-aktar pur.

Dana kien rigal lill-mara
Talli tgħakkset f'dak il-jum,
Għax għalkemm kienet marida
Xorta riedet illi ssum.

In-nies bdew jerfgħu xi bajda,
Lil-Lunzjata jagħtu ġieħ,
Biex biż-żejt jagħmluha balzmu
Li jindilek fuq l-uġigħ.

L-antenati tagħna qajla kienu jmorru għand tabib meta jinqala' xi gwaj, imma kienu jpaspru xi rimedju popolari huma stess. Fost affarijiet oħra kienu jagħmlu diversi ingwentijiet għad-dlik. Kienu jieħdu ftit żejt jew xaħam imħallat mal-ħwawar, irmied u frak ta' għadam minn diversi annimali, faħam, minju u kulma tista' timmaġina biex jieħu xeħta ta' ngwent jew balzmu u kienu jidilkuh ma' kullimkien kontra kull gwaj, mard u dwejjaq. Iżjed kemm wieħed kien ikewwes u jżid mat-taħlita aktar din kienet titqies misterjuża, u biex aktar iddaħħal lil dak li jkun f'atmosfera sopranaturali, kienet titqies bħala taħlita sigrieta. Biex jagħtuha xeħta devozzjonali, bosta drabi ż-żejt kienu jġibuh mit-tazza li kienet kun tixgħel quddiem xi xbiha tal-Madonna jew ta' xi qaddis ieħor u waqt id-dlik jingħad talb, taqbil u

kliem, bosta drabi ma jiftihemx, fost ritwali u ċerimonji, xemgħa mixgħula u sinjali forma ta' salib jew imwettqa għal tliet darbiet simbolu tat-Trinita',…..kollox imħawwar sewwa fis-superstizzjoni. Fi żmienna, meta nikkunsidraw dan kollu, insibu li l-ħaġa li setgħet kienet tagħmel ġid (mhux mirakli) kienet il-massaġġatura ħafifa biż-żejt fuq il-ġilda; il-kumplament aktarx kollu kien tiżjin żejjed, bla bżonn u superstizzjuż. Madankollu ngħidu li kollox kien ibbażat fuq il-kultura ġenerali ta' nies twajba, mimlijin devozzjoni u fidi.

## Simboliżmu tal-bajda

Għall-uġigħ ta' ras ġie li kienu jħabbtu l-abjad ta' bajda friska u jidilkuh ma' moħħ il-pazjent; jekk tinzerta ta' jum il-Lunzjata kienu jistennew affarijiet akbar minnha. Fejn kien hemm id-Dumnikani, fil-Birgu u fil-Belt, l-istess ħaġa kienu jagħmlu bl-abjad tal-bajda fid-29t'April billi dakinhar taħbat il-festa ta' San Pietru martri Dumnikan, li hu l-protettur kontra l-uġigħ tar-ras. Bajda friska kienu wkoll iħobbu jmissuha mal-għajnejn iffjammati jew għall-vista mċajpra, l-aktar jekk tkun il-festa ta' Santa Luċija. Dawn ir-rimedji fihom taħlita ta' devozzjoni, fidi u superstizzjoni li psikoloġikament iġiegħlu lin-nies twajba jħossu li jkunu qed jagħmlu li jistgħu biex isolvu l-problemi tagħhom.

Sadattant irridu nfakkru li l-bajda, fir-rigward tal-Lunzjata, għandha tifsira simbolika. It-taħbira lil Marija li bis-saħħa ta' l-Ispirtu Santu kellha ssir Omm l-Iben t'Alla niċċelebrawha eżatt disa' xhur qabel il-Milied biex simbolikament taqbel maż-żmien tat-tqala qabel it-twelid ta' Kristu. Għalhekk, għad-devoti tal-Lunzjata, il-bajda tissimbolizza l-fertilita` u twelid ġdid. L-istess ħaġa, twelid ġdid, hu s-simboliżmu tal-istess bajda li tant tidħol mal-figolli jew waħedha fil-festa tal-Għid il-Kbir li fih isir it-twelid mill-ġdid ta' Kristu.

Tista' tgħid li l-bajda ilha simbolu ta' twelid ġdid sa mill-preistorja fost diversi ġnus tad-dinja. F'xi tpinġijiet tas-seklu ħmistax tidħol ukoll il-bajda fil-Kunċizzjoni tal-Madonna li niċċelebrawha f'Diċembru, ukoll disa' xhur qabel it-Twelid tagħha f'Settembru tas-sena ta' wara li nafuh ukoll bħala l-Bambina, jew il-Madonna tifla. Hemm eluf ta' leġġendi, drawwiet u tradizzjonijiet folkloristiċi mifruxin fost in-nies primittivi ma' kullimkien, kollha jqisu l-bajda bħala bidu ta' ħajja ġdida, spiritwali u materjali. L-Eġittu, l-Indja u artijiet oħra fl-Asja mimlijin bi twemmin u leġġendi bosta minnhom fantastiċi għall-aħħar, u folklore li jinvolvi l-bajda bħala simbolu. Kull parti tal-bajda ngħatat xi tifsira simbolika jew użu speċjali bħalma wara kollox ġara fil-każ tal-fdal tal-bajda li minnu ssawwar il-Balzmu tal-Lunzjata.

Guido Lanfranco

*Għal aktar informazzjoni dwar drawwiet, devozzjonijiet, leġġendi u rimedji ara wkoll il-kotba ta' l-istess awtur:* Drawwiet u Tradizzjonijiet Maltin *(2001) Pubblikazzjonijiet Indipendenza, PIN;* Mediċina Popolari tal-Imgħoddi fil-gżejjer Maltin *(2001) Klabb Kotba Maltin;* Drawwiet u Ħajja mill-Istorja ta' Malta *(2005) Wise Owl Publications* u Nagħrfu l-Leġġendi Maltin *(2008) Wise Owl Pubblications.*